MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 618/2005

**Il-Pulizija**
**Assistent Kummissarju Stephen J Gatt**

**VS**

**Keith Craus detentur tal-karta tal-identita' numru 262777M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Keith Craus** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta' Lulju, 2005 gewwa Tas Sliema, ghall-habta tat-8.00am, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Magro f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Alfred Magro, liema hsara hija offiza gravi li tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew gabet fregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Aflred Magro hekk kif iccertifikat Dr Elaine Cachia MD tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 215, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alfred Magro hekk kif iccertifikat Dr Elaine Cachia MD tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Alfred Magro sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4. U aktr talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll illi mibghuta l-Artikoli tal-Avukat Generali, huwa wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 278);

L-Artikoli mibghuta taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija jaqraw:

a. Fl-Artikoli 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 383, 384 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 278).

Rat l-atti kollha tal-kawza u kkonsidrat:

Illi l-fatti specie ta' din il-kawza hija glieda li nqalghet bejn l-imputat u l-parte civile Alfred Magro wara li xi tfajliet inqabdu f'lift wieqaf gewwa kumpless.
Minn dan l-incident Alfred Magro sofra griehi ta' natura gravi kif jirrizulta mic-certifikati ezebiti u d-deposizzjoni ta' varji tobba u surgeons deponenti.

Minn naha tieghu l-**Ufficjal Prosekutur** li nvestiga l-kaz, li pero ma kinx prezenti ghall-litigju li allegatament wassal ghall-griehi sofferti minn Magro, prezenta kemm l-istqarrija tal-imputat (Dok KC); kif ukoll certifikat mediku fil-konfront ta' Keith Craus (Dok KC1  folio 20); ukoll ic-certifikat mediku mahrug fil-konfront ta' Magro Alfred (Dok KC2 folio 21); ukoll Dok KC3 (folio 22), certifikat mahrug mill-konsulent Mr E Farrugia  fil-konfront tal-imsemmi Magro.

Minn naha tieghu, il-parte leza **Alfred Magro** xehed illi kien jahdem W & M Zammit Tabona Ltd. Qal illi hu qabel l-incident qatt ma kien ra lill-imputat. Spjega li kien f'daru, meta rcieva telefonata minghand certu wahda Alexia li kienet skondtu tahdem fl-ufficju tieghu. Xehed illi din talbitu l-ghajnuna stante li hi u xi tfajliet ohra kienu nqabdu f'lift wieqaf. Qal illi hu cempel lir-receptionist tal-Fortina Hotel – certu Spiteri, fejn qallu biex tibghat lil tal-maintenance ghax it-tfajliet tal-accounts kienu maqbudin fil-lift. Qal illi kompla dak li kellu jaghmel f'daru, u f'temp ta' tmienja, ghaxar minuti, libes biex imur jassisti. Hawn xehed illi regghet cemplitlu din Alexia, din id-darba bdiet tibki u skondtu kienet tinstema' hafna panikuza, u talbitu jmur jifthilhom ghax kienet qed tifga'. Nonostante li fil-vettura tieghu sab puncture, jghid illi saq xorta fuq dan. Qal illi rega' cempel il-Fortina u hawn irrispondieh jghid l-akkuzat, ghalkemm qal ukoll illi ma kinx jaf min hu dak il-hin tat-telefonata. Ammetta li hu ghajjat ma' min wiegeb it-telephone talli kien ghadu ma ntbaghatx il-maintenance man. Qal illi dan qallu biex ma jghajjatx mieghu, ix-xhud jghid illi wiegbu li kien hemm min qed jippanikkja. Qal illi sakemm wasal il-Fortina, ghax hu kien joqghod Tas Sliema, kienu ghaddew hames (5) minuti. Kif wasal qal illi nzerta lil tal-maintenance li kienu ghadhom kif fethu l-lift u hargu t-tfajliet. Xehed illi Alexia kienet l-izjed wahda maghdura. Dak il-hin mar ikellimha waqt li din qaghdet fuq siggu. Spjega li kif kien hdejha mar l-akkuzat u qallu li kellu jara kif ikellmu. Beda skondtu dan jidghi, isemmi lil Alla u lil Madonna, tant illi x-xhud allura qallu jara hu kif kien qed ikellem lilu, u li xogholu kien li jibghat lil tal-maintenance man mill-ewwel u mhux li kellu jaghmel zewg telefonati. Qal illi dan kompla jidghi, u dan tah daqqa ta' ponn go wiccu, laqtu go wiccu tant illi x-xhud waqa' wiccu 'l fuq fit-tarag ta' fejn il-lift. Iddeskriva d-daqqa bhala wahda b'sahhitha. Jghid

illi laqtu f'ghajnejh u li tahielu f'ghajnejh. Kompla li meta hu waqa' wiccu mal-art, l-imputat allura qabez fuqu, iddeskrivieh "*qisu pit bull u beda jaghtini kemm jiflah fuq rasi u jien dak il-hin kont ixxukkjat bl-agir tieghu dan, kont defenceless u smajt lit-tfajliet iwerzqu u jghajtu u dahlu tal-maintenance men li hatfuh minn fuqi u regghu u dak il-hin waqghulu c-cwievet minn idu.*" (folio 27).

Zied illi kif hu qam mill-art, dan ried jerga' jhebb ghalih; illi ma rax id-daqqa, pero ddeskrivieha bhala wahda qawwija. Zied illi meta kien fuqu jaghtieh bil-ponn, ra li kellu c-cwievet f'idu. Zied illi x'hin hatfuh tal-maintenance kellu c-cwievet f'idu. Lilu hadu l-Isptar haddiem bl-isem ta' Wayne. Qal illi l-akkuzat gabar minn mal-art wallet, cwievet u mobile. Qal illi kien wara li sar jaf li dan kien Keith Craus.
Ezebixxa c-certifikati mahruga mill-Isptar dwar il-griehi minnu sofferti. Qal illi sofra frattura tal-orbit floor ta' ghajnejh u kellu anke jigi operat. Gharaf id-dokumenti Dok KC2 u Dok KC3. Ezebixxa l-case summary fil-konfront taz-zmien illi qatta' l-Isptar, u l-kura li rcieva, Dok KC4 u Dok KC5. Ezebixxa wkoll ritratti tal-griehi minnu sofferti mehuda mit-tfal tieghu, Dok KC6 u Dok KC7. Dawn ir-ritratti jghid illi ttiehdu minn Wallace Baldacchino.
Qal illi hu fil-prezent kien jara doppju u li kellu parti minn wiccu li ma kinx ihossu.
Innega li meta kellem lil Craus ghax ma kinux marru tal-maintenance, ghamillu jdejh ma' wiccu. Qal illi xoghol Craus kien li jinforma lil tal-maintenance, mhux li jmur jiftah il-lift hu stess.

In kontro ezami kkonferma li meta ra c-cwievet mal-art, kien diga' qala' diversi daqqiet.

Dwar il-griehi sofferti minn Craus, xehdu varji tobba li kkonfermaw in-natura gravi tal-griehi tieghu - **Dr Malcolm Paul Galea u Dr Elaine Borg** fost l-ohrajn.

Senjalament il-**Konsulent Eric Farrugia** spjega dan bhala konsulent tal-ENT, illi Magro kellu nefha kbira f'ghajnejh il-leminija, tant illi ma setax jiftah ghajnejh; kellu problema biex icaqlaq ghajnejh; kellu frattura fl-orbit, u li x-xaham tal-ghajnejn nizel fis-sinus; u kellu muskolu maqbud fil-frattura – ghalhekk beda jara doppju. Spjega li anke kellha ssirlu titanium mash biex tigi ssuportjatha l-art ta' ghajnejh – l-orbit floor. Iddeskriva dawn il-griehi bhala gravi kompatibbli ma' blunt injury.

Spjega li Magro kien ser ikollu jghix bil-problema ta' diplopia, cioe' li jara doppju minn "*downward vision*".

**Mr Martin Francalanza** minn naha tieghu bhala ophthalmic surgeon, ikkonferma n-natura gravi tal-griehi sofferti minn Magro f'ghajnejh. Spjega li bid-daqqa l-ghajn dahlet 'il gewwa, nizlet 'l isfel ghax kien infaqa' wiehed mill-hitan tal-ghajn. Qal illi d-daqqa riedet tkun ta' certu forza, assimilaha ma' loghob tal-hockey. Iddeskriva l-intervent fuq Magro bhall-konsulent ta' qablu bhala wiehed ta' success. Qal illi konsegwenza tal-griehi ghax l-ghajn wara l-operazzjoni ma kinitx ser titla' mija fil-mija 'l fuq, il-pazjent kien ser jibqa' jara ftit doppju. Zied pero li kien ilu ma jarah minn jumejn (2) wara l-operazzjoni. Anzi aktar tard rega' xehed u qal illi Magro meta jhares 'l isfel kien jara doppju; illi tilef hmistax fil-mija (15%) tas-single vision.
Ezebixxa r-rapport Dok MS dwar dan a folio 176. Jghid illi dan id-difett kien 'residual effect' ta' dak illi ghadda minnu Magro.

Qal dan f'din ir-relazzjoni "*Unfortunately there is very little chance that this situation may change after this period of recovery and no further treatment can be given to this gentleman.*" (folio 176).

Xehdu wkoll nies illi kienu prezenti ghall-incident in ezami.

**Wayne Caruana** li dak iz-zmien kien jahdem fl-accounts department tal-Fortina Hotel, xehed illi fit-13 ta' Lulju, cemplulu t-tfajliet ghax kienu mwahhlin fil-lift. Qal illi mid-dar wasal wara ghaxar (10) minuti u tela' sitt (6) sulari tarag biex igib ic-cwievet. Qal illi hu u niezel lura sema' hafna ghajjat gej minn isfel, u meta wasal ra lil Freddie Magro mal-art u lil Keith hiereg 'il barra. Xehed illi ra lil Magro bid-demm ma' ghajnejh. Qal illi Keith ghalih qisu telaq, pero mbaghad rega' mar lura u bdew jitghajru, u mar iferraqhom. Xehed illi l-imputat deher mahruq hafna ghal Fredde u li Freddie kien jidher qisu naqra mbezza', u anke naqra stordut bid-daqqa.
Spjega li hu ra lil Keith rega' sejjer ghal kontra Magro ghannaha ta' Freddie. Rah irrabjat. Zied illi ghalih kieku ma zammhomx kienu jergghu jigu fl-idejn. Spjega li Magro beda jersaq lura. Dwar l-ghajjat xehed illi ma setax jisma' sew minn fuq ghax beda jirbombja, kienu sitt (6) sulari 'l fuq. Iddeskriva li sema' ghajjat ta' wgiegh.

**Maria Alexia Spiteri** xehdet illi hi flimkien ma' certu Charlene Spiteri kienu overtime gewwa d-Dolphin Court. Maghhom gol-lift kien hemm il-maid Patricia Pace. Cemplu ghalhekk lil Wayne Caruana u lil Freddie Magro biex imorru jassistuhom. Ziedet illi xoghol fir-reception kien hemm Keith Craus. Qalet illi wahda minn barra kkontattjat lil Keith biex imur jifthilhom, u li hames (5) minuti qabel ma nfetah il-lift

anke wasal Alfred Magro. Harget mill-lift wara tliet (3) kwarti hemm maghluqa b'hass hazin. Xehdet illi kull ma semghet lil Freddie Magro jibghat lil Keith lura fuq xogholu. Qalet illi meta kienet barra Wayne Caruana hareg ma' Freddie biex jiehu lil dan l-Isptar. Rat lil Freddie jzomm ghajnejh. Ziedet illi Keith kien sejjer lejn ir-reception, u f'daqqa wahda rega' nizel biex jerga' jhebb ghal Freddie. Spjegat illi Freddie ma ghamel ebda rezistenza; illi kien qed izomm ghajnejh, u li ferraqhom tal-maintenance. Qalet illi hi kull ma rat lil Keith ser ihebb ghal Magro barra.

Qalet illi hi lil Freddie ma semaghtu jghid xejn; lanqas li offenda lil xi hadd. Pero semghet lil Craus jghidlu li kellu jara kif ikellem lin-nies u li ma kellhix terga' tigri, u li ma kellux jitkellem hekk darb'ohra.

Ikkonfermat illi tal-maintenance ferrqu lil Craus u Magro. Iddeskriviet li Craus x'hin inharget mill-lift kien irrabjat.
Qalet ukoll illi "*s-Sur Magro kien imwegga' u Wayne beda jipprova jdahhlu fil-karozza, imbaghad Craus rega' mar ghalih….*" (folio 52).

Mistoqsija jekk ratx lil Magro jiggieled, qalet illi dan ma setax ghax b'idu beda jghatti ghajnejh. Spjegat illi Magro kien il-principal taghha.

Qalet illi qabel ma harget mill-lift, Craus ipprova jghinhom, ipprova jiftah il-bieb tal-lift. Qalet illi hi cemplet lil Magro xi tliet (3) darbiet waqt illi kienet fil-lift; illi hi kienet klawstrofowbika u ma tantx kienet taf x'kien qed jigri.

**<u>Charlene Darmanin</u>**, li wkoll tahdem fl-ufficini tal-Fortina Hotel, ukoll kienet wahda mif-tfajliet maqbuda fil-lift. Qablet

illi Keith Craus mar jipprova jghinhom. Spjegat illi marru ghal dan l-iskop Wayne Caruana u Alfred Magro. Semghu lil Keith jghidlu biex ma jkellmux darb’ohra hekk, u bdew jilletikaw. Qalet illi Freddie beda jghidlu all right u li ma kien gara xejn, pero tghid illi Keith baqa’ jinsisti li kellu jara darb’ohra kif jitkellem. Qalet illi bdew jilletikaw, dehru skondtha li kienu ser jiggieldu sew.

Qalet illi barra meta Wayne Caruana kien ser jiehu lil Magro l-Isptar, Keith Craus kien rega’ sejjer ghalih. Ziedet illi xi hadd mir-reception mexxa lill-imputat ‘l hemm. Iddeskriviet lil Keith Craus bhala nervuz u li beda jersaq ukoll b’mod fiziku vicin lejn Alfred. Ma tatx kaz wara li harget mill-lift jekk Craus kellux xi haga f’idu. Ma ratx l-incident isehh. Lanqas xehdet, ma rat xi affarijiet mal-art.

**<u>Patricia Pace</u>**, maid mal-Captain Morgan, xehdet illi hi wkoll kienet maqbuda fil-lift u li flimkien man-nisa l-ohra bdiet titlob ghall-ghajnuna. Qalet din ix-xhud illi kif infetah il-lift hi telqet ‘il barra. Ma rat xejn.

**<u>Susan Vella</u>**, ukoll tahdem mal-Captain Morgan, xehdet illi kien hemm tliet (3) tfajliet maqbuda fil-lift. Skondtha Keith kien fuq il-bejt jipprova jghinhom biex jirrangaw. Qalet illi anke hi cemplet lil Freddie Magro biex jigi jghin ukoll. Qalet illi waslu wkoll fuq il-post Keith u Wayne, u tal-maintenance biex jghinu. Qalet illi x’hin hargu mill-lift u kienet qed tindokra lil Alexia, daret u ssibhom jiggieldu – lil Keith u lil Alfred. Qalet illi hi bil-panick harget ‘il barra biex tara jekk issibx min iferraqhom. Rathom maqbudin go xuxlin. Rat lin-nies tal-maintenance li marru jferrquhom. Insistiet pero li ma rat u ma semghet xejn.

**Paul Arpa** xehed illi mar jipprova johrog nies maqbuda fil-lift. Qal illi darba li hargu minn gol-lift in-nies hemm maqbuda, ghax kienu hemm fit-tul, hargu minn go fih qishom storduti. Hareg barra ma' dawn, pero rega' dahal x'hin sema' l-ghajjat - sabhom qed jaghtu u mar jifridhom. Xehed illi Freddie u Keith kienu qeghdin jaghtu. Iddeskriva li kienu mindudin kwazi ma' l-art; illi Keith kien fuq. Ghenu siehbu Pawlu biex jigbed lil Keith. Qal illi x'hin Craus kien fuq Magro kien qieghed jaghti bl-idejn. Xehed illi lil Craus ma ralu xejn f'idejh. Qal ukoll illi lil Magro ralu d-demm f'ghajnejh. Ikkonferma li t-tnejn kienu maqbudin go xulxin.
Sema' lil Magro jghid lil Craus "*Ara x'ghamiltli!*"; qal ukoll illi meta ra lil Keith jaghti lil Magro, fl-art ra mobile u cwievet.

**Paul Sammut** ukoll iddepona dwar l-incident. Qal illi kif irrisettja l-lift imwahhal, hu u niezel it-tarag sema' ghajjat. Ra nies jikkustinjaw fuq it-tarag – gharaf lil Freddie Magro u lil Keith. Kif wasal isfel sabhom fuq xulxin, u Pawlu Arpa jipprova jferraqhom.
Sema' tghajjir ghaddej bejn il-litiganti. Sema' lil Freddie Magro jghid illi din ma kinitx ser tieqaf hemm ghax kien weggghu. Ma ra ebda daqqa ta' ponn. Ra pero ghajnejn Alfred minfuha u ralu d-demm fuq il-qmis - demm illi skondtu kien gej minn ghajnejh. Insista li hu anke barra zamm lill-imputat biex ma jergghux jaqbdu go xulxin.

Dwar ix-xena li ra meta nizel mis-sitt (6) sular, waqt illi kien qed jipprova jiftah il-lift, in kontro ezami wiegeb:
"*Le Freddie Magro kien fuq it-tarag u l-kollega tieghu kien qed jipprova jferraq lil Keith minn ma' Freddie Magro.....pero Freddie Magro kien qieghed fuq it-tarag bil-qieghda.....*" (foliol 93).

**<u>Wallace Baldacchino</u>**, guvni ta’ sittax(16)-il sena, gie muri r-ritratti li ezebixxa l-parte leza – zijuh Alfred Magro. Ikkonferma li kien hu li ha r-ritratti gewwa l-Isptar, il-gurnata stess tal-aggressjoni.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat innifsu f’din l-investigazzjoni, qabel allura ma bdew dawn il-proceduri, irrilaxxa stqarrija. Ovvjament din l-istqarrija giet mehuda minghajr ma l-imputat kien inghata d-dritt tal-assistenza legali, dritt mhux vigenti dak iz-zmien – fis-sena 2005.

Il-Qorti qieset f’dan ir-rigward illi l-imputat kellu fiz-zmien tar-rilaxxa tal-istqarrija, l-eta’ ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena - certament fid-dinja tal-lum mhix wahda li tista’ fil-verita’ titqies bhala vulnerabbli. Kien bniedem impjegat bil-qliegh ma’ kumpanija privata, u minn imkien ma rrizultalha li ma fehemx id-drittijiet lilu moghtija. Irrilaxxa fil-fatt stqarrija spjegattiva; ghazel anke li jiffirmaha. Mill-fedina penali tieghu jidher illi hu kien gia’ mess mal-gustizzja – droga, serq. Certament mhux meqjus minn din il-Qorti bhala bniedem vulnerabbli. Del resto, jirrizulta wkoll illi PS 907 Raymond Zammit xehed dwar it-twissija li nghata l-imputat qabel ma rrilxxxa l-istqarrija li issa l-Qorti ser tghaddi biex tezamina (ara sentenza f’dan ir-rigward fl-ismijiet “***Il-Pulizija vs Dominic Camilleri***” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta’ Frar, 2014)

Qal fiha Keith Craus, illi hu kien ilu jahdem gewwa l-Fortina Hotel bhala manager ghal seba’ (7) snin. Qal illi fid-data tal-incident kien ircieva telefonata mill-ufficju tal-Captain Morgan li kien hemm xi staff minn taghhom li kienu jahdmu fid-Dolphin Court illi kienu maqbuda fil-lift. Qal illi ghax in-

nies li kellhom x'jaqsmu mat-tiswijiet kienu ghadhom ma dahlux, mar hu – tela' fuq il-bejt u pprova jistartja l-istess lift wieqaf, pero ma rnexxilux. Qal illi nizel isfel, kellem lin-nies maqbuda fil-lift biex javzahom illi kienu ser jaslu n-nies tal-manutenzjoni. Qal illi minn hawn baqa' sejjer fir-reception. Hawn jghid illi cempel Alfred Magro li beda jghajjat u jidghi. Hu avzah illi n-nies kienu diga' fuq il-post jippruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni. Qal illi meta qata' Magro, hu mar id-Dolphin Court biex jivverifika fuq is-sitwazzjoni. Hemm sab lil Alfred Magro. Qal illi hu mar fuqu u bil-kelma t-tajba jghid illi qallu "*Lin-nies kellimhom sew fuq it-telephone ghax jien ilni hdax(11)-il siegha xoghol u jiena ppruvajt nghinhom biss meta ma kien hemm hadd.*" (folio 18, Dok KC).
Qal illi Magro beda jghajjat u jidghi u jaghmel l-istorbju. Zied illi dawk illi kien hemm fuq il-post anke telqu 'l barra x'hin semghu l-istorbju u l-ghajjat. Qal l-imputat (hawn l-investigat), illi hu lil Magro qallu biex jieqaf jghajjat u jidghi. Qallu li ta' gol-lift hadd ma mar jghinhom; illi kienu ilhom maqbuda ghal nofs siegha. Qal illi spjegalu li dan ma kinx tort tieghu, u li hu pprova anke jghinhom. Qal Craus illi Magro kompla xorta jghajjat u jidghi. Zied illi qallu li tar-reception kienu kollha "*useless*" u anke gholla jdejh ma' wiccu (ibid) - dan zied, fost dagha u kliem hazin. Qal ukol illi talbu jnehhi jdejh minn ma' wiccu. Qal illi Magro anke mbuttah minn wiccu ghal gol-bieb tal-lift illi kien maghluq. Qal illi dak iz-zmien beza' u rritalja. Qal "*Jien qomt ghalih, gejna fl-idejn u nqlibna t-tnejn fit-tarag. Dak il-hin waqt il-glieda fl-art bdejna naghtu bil-ponn u jiena tajtu daqqa f'ghajnejh.*" (folio 19).
Innega li waqt il-glieda kellu xi haga f'idejh.

**Dr Maria Pisani** li ezaminat lil Craus wara l-allegata glieda, ikkonfermat illi l-imputat sofra griehi kompatibbli ma' glieda.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikoli addebitati tar-reat kommess fuq Alfred Magro huma dawk mahsuba taht l-Artikoli 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-Artikolu 214 jaqra hekk:

"*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*"

Filwaqt illi l-Artikolu 218 jaqra hekk:

"*(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin –*

***(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; (sottolinear tal-Qorti)***

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f' waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

***<u>(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk. (sottolinear tal-Qorti)</u>***

Certament u bla dubbju, il-griehi sofferti minn Alfred Magro huma ta' natura gravi.

Issa l-ewwel parti tal-Artikolu 218 hawn citat, hija cara fir-rekwiziti taghha – il-griehi kagunati jridu jkunu tali li jgibu debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni tal-gisem.

Il-Qorti ghamlet ampja referenza ghal dak illi xehdu l-konsulenti kuranti ta' Alfred Magro.

**<u>Mr Eric Farrugia</u>** qal illi wara l-operazzjoni Alfred Magro baqa' jilmenta minn "*numbness over the right side of face and a slight diplopia on the downward* ....." (folio 290) – dan fuq dak illi ccertifika wara l-operazzjoni.

Minn naha tieghu, Mr Martin Francalanza kien car fic-certifikat minnu rilaxxat.

"*His visual acuity is normal corrected to 6/5 in each eye. In the straight-ahead position the eyes are in perfect alignment with minimal deviation from the norm. However his ocular motility has remained slightly defective. The right eye has limited movements both in up gaze and in down gaze. As a result of this he has a small degree of double vision, both on looking up and on looking down. The are of binocular single*

*vision has been plotted and the area of diplopia is about 15% of the whole field. This means that this gentleman has lost his are of single vision by 15%.*"

(Dok MF folio 176).

**Mr Martin Francalanza** xejn anqas mill-Principal Orthopist, allura stabbilixxa l-permanenza tal-griehi sofferti minn Alfred Magro kagun tad-daqqiet illi qala', u l-konsegwenti operazzjoni korrettorja biex jigi rrangat id-dannu minnu soffert fil-qafas tal-ghajn.

Illi ghalhekk u bla dubbju, il-Qorti thoss illi z-zewg Artikoli 214 u 218 gew pjenament sodisfatti, in kwantu ghan-natura tal-griehi sofferti.

Jibqa' biex jigi ezaminat il-fatt jekk fil-fatt Keith Craus kinx responsabbli tad-dannu soffert minn Magro. Magro dan jixhdu bla dubbju - kif Craus aggredieh, b'daqqa ta' ponn b'sahhitha ghax widdbu ghax l-ghajnuna ghat-tfajliet maqbuda fil-lift damet ma waslet.

Certament hemm qbil illi Craus pprova jghin. Jidher illi hassu hafna u hafna urtat ghall-mod kif kellmu Magro – kellu allura jirritalja b'tali mod li ta daqqa ta' ponn daqshekk b'sahhitha, anke jekk Magro ghamillu jdejh ma' wiccu??

Terga' u tghid, ix-xhieda riprodotta turi bic-car illi kien Craus illi kien waqt il-litigju fuq Magro; illi kien Craus illi kellu jigi

mizmum; illi kien Craus illi anke kien rega' sejjer jattakka lil Magro. Dan iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li Keith Craus huwa hati tal-akkuzi lilu addebitati fil-konfront tal-griehi kagunati.

Rat ukoll ir-reati kontravenzjonali addebitati;

Issib illi m'ghandux jinstab hati ta' dak kontemplat fl-Artikolu 338(dd), ghax id-diverbju nqala' gewwa fond pruvat;

Pero ssibu hati ta' dak addebitat taht l-Artikolu 339, b'dan pero li dak huwa gia' kompriz u nvolut fir-reati principali.

Dwar il-piena, qieset ukoll iz-zmien illi hadet din il-kawza, iz-zmien illi hadet il-Prosekuzzjoni biex tressaq il-provi taghha – almenu ma gara xejn ghal hames (5) snin. Qieset ukol illi l-imputat, ghalkemm ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, **qatt** ma tella' ebda prova in difesa.

Ikkunsidrat id-dannu illi gie soffert minn Alfred Magro, u l-fedina penali tal-imputat;

Qieset it-tul ta' zmien illi hadet din il-kawza - gia' semmiet il-Qorti li ghaddew hames (5) snin u ma tressqet ebda prova mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghalkemm il-Qorti ma tharisx b'mod legger lejn dawn it-tipi ta' aggressjonjiet – vjolenza, ma tqisx illi llum l-imputat

ghandu jbati piena karcerarja effettiva, u qieghda ghalhekk, anke wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba' (4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------